# Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal Novembru 2017**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-



**Biex l-Insara fl-Asja, waqt li jagħtu xhieda tal-Vanġelu bil-kliem u fl-għemil, iġibu 'l quddiem id-djalogu, il-paċi u l-ftehim ma' kulħadd, speċjalment dawk ta' reliġjonijiet differenti.**

*Talba:*

Mulej, nitolbok għall-Insara kollha li jgħixu fl-Indoneżja u fil-bqija tal-Asja sabiex b'kuraġġ u b'ġenerosità jirkbu l-preġudizzji u jfittxu l-għaqda ma' nies ta' twemmin ieħor kull fejn jgħixu.

*X'nista' nagħmel:*

Matul dan ix-xahar nitlob għal dawk in-nies ta' reliġjonijiet differenti fl-Asja li jaħdmu flimkien għal dinja aħjar. Jekk naf lil xi ħadd li għandu reliġjon differenti minn tiegħi, nipprova nsir nafu aħjar, nara x'għandna komuni bejnietna u, b'rispett, nipprova nibni ħbiberija.

Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com